MALTA

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016

Talba Numru: 323/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 12

**Strand Palace Agencies Limited (C3838)**

**Calleja Buildings, Carob Street,**

**Santa Venera**

**Vs**

**Johann Tanti u Antoine Tanti**

**Champ, 7, GMF Estates, Sqaq il-Barrieri,**

**Tal-Handaq L/O Qormi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€928.50c) bilanc ta' somma aktar dovut

ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-Socjeta' attrici lill-konvenuti u li minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu huma baqghu inadempjenti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifkati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta huma ma kkonteztawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€928.50c) bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mit-22 ta' April, 2016 data tal-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**